SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 52**

**IL-ĦAMIS 4 ta' AWISSU 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduti numru 51 ġew approvati. Il-Viċi Sindku ppropona u s-Sindku ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għar-reminder li intbgħatet dwar resurfacing ta’ Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta u lanqas acknowledgement.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Perit tal-Kunsill lestiex l-estimi għar-resurfacing ta’ Triq il-Qasam u Triq il-Keffa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn tlestew u ser jiġu pprezentati fil-Kunsill: Triq il-Qasam €251,480.80 u
   Triq il-Keffa €183,224.87.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi proposta mill-Kumpanija Arriva għal xi tibdil fir-rotta li l-Kunsill jixtieq jissuġerixxi. Il-Kunsillier ġie nfurmat li sa issa għad ma waslet l-ebda korrispondenza. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinkiteb ittra u nistaqsu biex ir-rotta terġa issir kif kienet qabel.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku infurmat dwar korrispondenza mill-Ministeru dwar applikazzjoni tal-Kumitat taż-żgħażagħ. Hi nfurmat li din l-informazzjoni intbagħtet lir-residenti kollha tal-lokalita’ pero’ ħadd ma wera interess. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax.

2. Is-Sindku nfurmat li kitbet lis-Sur David Soler mill- Kumitat Konġunt ta’ LES dwar il-possibilta’ li issir aktar sorveljanza mill-wardens fi Triq il-Qasam, Triq is-Swieqi u Triq l-Ibrag fil-viċinanza tal-ħwienet. Is-Sur Soler informa li ser iżid is-sorveljanza pero’ mhux biex jeduka, min jipparkja ħażin jiġi pprenalizżat.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (JKOMPLI………………..)

3. Is-Sindku nfurmat dwar konferenza li ser issir ġewwa Lauco fl-Italja. Din il-konferenza ser tkun parti mill-programm Hence (patt tas-Sindku). Hi nfurmat li dwar din il-konferenza intbagħtet korrispondenza lil kull kunsillier. Il-Kunsillier Fava biss wera interess li jattendi. Il-Kunsill unanimament qabel li dan il-Kunsillier għandu jirrapreżenta lil-Kunsill f' din il-konferenza

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li inkitbet korrispondenza lill-Perit David Vassallo mit-Transport Malta sabiex jitħaffef il-proċess ta' l-espropjazzjoni ta' Triq ir-Ratal u Triq F. Assenza.

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li inkitbet korrispondenza lid-dipartiment dwar l-interess ta' dan il-Kunsill fl-attivita' Car Free Day.

6. Is-Sindku nfurmat li l-installazzjoni ta' dawl ġdid fin-niżla tal-Wied aċċess għal San Ġwann tlestew u qed jixgħelu. Tlestiet ukoll iż-żebra crossing fin-naħa ta' fuq ta' Triq l-Ibrag.

<u>Offerta Refurbishment tat-Tennis Court u l-Clubhouse mill-Fondi UIF</u>

1. Ġiet sottomessa offerta waħda biss mingħand Alfred Schembri & Sons. Ammont ta' €110,161.
   Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport ta' l-aġġudikazzjoni li sar mis-Sur Robert Fenech, membru mill-Kumitat tal-Finanzi. Dan ir-rapport jirrikomanda lill-kuntrattur li ssottometta l-offerta minħabba li din hi l-unika offerta li ġiet issottometta kif ukoll li dan il-Kuntrattur ħadem fuq xogħlijiet simili fil-passat. Il-Kunsill unanimament aċċetta ir-rakkomandazzjoni u għaldaqstant unanimament qabel li din l-offerta għandha tingħata lill-Kuntrattur Alfred Schebri & Sons.

2. Is-Sindku nfurmat dwar laqgħa li saret ma' l-Ambaxxatur Spanjol fit-3 ta' Awwissu 2011. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku, il-Kunsillieri Alfred Curmi u Paul Fenech, l-Assistent Kummissarju Ray Zammit, is-Supretendent Stephan Gatt u l-Ispettur Trevor Micallef. Fil-laqgħa ġew diskussi fost affarijiet oħra l-problemi ta' l-istudenti spanjoli li qed joqgħodu fil-lokalita'. L-Awbaxxatur wiegħed li ser jeżerċita l-mezzi kollha biex irażżan il-problemi li dawn l-istudenti. Hu wiegħed ukoll li ser isiru laqgħat ma' l-istudenti qabel ma dawn jaslu Malta.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar il-loading/unloading fi Triq il-Qasam fil-viċinanza ta' l-Ispiżerija. Il-Kunsillier ġie infurmat li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier talab biex tintbagħat reminder.

2. Il-Kunsillier ippreżenta sample ta' turf li jista jintuża fit-Tennis Court. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan is-sample ser jingħata lil Perit tal-Kunsill.

3. Il-Kunsillier talab biex isir refreskar ta' żebgħa tat-toroq fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-preżent minħabba is-sħana tax-xemx mhux qed isir xogħol ta' żebgħa minħabba li din qed taqgħad mill-ewwel u ssir ċappep malli tmiss ma' wiċċ it-Triq. Ġie deċiż li dawn ix-xogħlijiet isiru fil-bidu ta' Ottubru 2011 meta ma tkunx daqstant sħana.

**Mill-Kunsillier Rene' Rossignaud**

1. Il-Kunsillier informa li kelli rapporti mingħand residenti dwar kwantita' ta' seringi fil-bini ta' fejn qabel kienet il-Forum Hotel. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ir-rapport ser jingħata lill-Pulizija tal-vizzji fl-ewwel laqgħa li ser issir magħhom.

2. Il-Kunsillier irraporta dwar abbużi li qed jinkitbu fuq il-facebook tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena li tifforma parti mill-webiste tal-Kunsill. Din qed tintuża bħala propaganda politika. Il-Kunsill ideċieda li urġenti għandha ssir laqgħa mall-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena. Għal din il-laqgħa jkun preżenti il-Kunsillier Fenech u Fava. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Awwissu 2011 fil-5.00p.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier irrapporta li qed ikollu diversi ilmenti mingħand residenti ta' Triq is-Swieqi u Triq il-Gejza dwar xi persuni li qed jitimaw il-qtates. Dan qed jakkumulaw ħafna ħmieġ u jistgħu joħolqu problemi ta' saħħa għar-residenti tal-viċianza. Il-Kunsill ideċieda li ssir laqgħa urġenti fuq il-post ma' l-Ispettur tas-saħħa tad-distrett. Għal din il-laqgħa jkun preżenti il-Kunsillier Fenech.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (Jkompli........................)

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

2. Il-Kunsillier irraporta li d-dawl taż-żebra crossing il-ġdida fi Triq ta' l-Ibraġ ma jidhirx minħabba frieghi ta' siġar ħerġin il- barra fit-Triq. Il-Kunsillier talab li dawn is-siġar għandhom jinżabru.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mid-dipartiment dwar is-self ta' palk għall-attivita' Jum is-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta peress li l-persuna nkarigata fil-preżent tinsab imsiefra. Il-Kunsillier fakkar li mill-aktar fis jintbgħatu l-inviti u ċ-ċirkulari. Saret talba ukoll li l-attivita' għandha tidher fuq il-website tal-Kunsill.

2. Il-Kunsillier reġa fakkar dwar ir-rapport ta' kull kunsillier għal ħarġa tal-magazin tal-Kunsill li jmiss. Hu talab sabiex dawn ir-rapporti jitlestew u jingħataw lilu mill-aktar fis. Il-Kunsillier issuġerixxa wkoll li din is-Sena il-magazin għandu jkollu aktar paġni b' hekk tkun tista tingħata aktar informazzjoni. Il-Kunsill qabel

3. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jibda t-tindif tal-culverts. Il-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-offerti ġew ippublikati pero' għad ma ġewx aġġudikati.

4. Il-Kunsillier irraporta posters imwaħħla fuq il-kolonni tal-mini fl-entratura ta' naħa ta' isfel tas-Swieqi. Hu talab biex dawn jinqalgħu u jitnaddfu mill-aktar fis.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk imbidlitx il-cul de sac il gdida fi Triq ir-Ratal. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn ix-xogħlijiet saru.

6. Il-Kunsillier irraporta wkoll sign post ivvandalizzata fi Triq l-Ilqugħ.

7. Il-Kunsillier reġa irraporta dwar ilmenti li isiru mir-residenti dwar il-ġibjun hux mgħotti sewwa propjeta tal-Garden View. Hu talab sabiex isiru kuntatti mas-sid u dan jintalab sabiex il-ġibjun jingħalaq mill-aktar fis minħabba lid an qed jiġġenera kwantita' ta' nemus u insetti oħra li jistgħu jkunu ta' detriment għas-saħħa tar-residenti tal-madwar.

**HUGH ZAMMIT** — **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (Jkompli.......................)

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

8. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk sarux xi żviluppi fil-proġett ta' Triq il-Keffa. Is-Sindku infurmat li dwar dan il-proġett hi qed ikollha diversi kuntatti ma' persuni mill-Awtoritajiet ikkonċernati.Meta hi ikollha xi materjal konkret hi tinforma lill-Kunsill.

9. Il-Kunsillier staqsa jekk kux ser jinqalgħu it-tabelli tal-one way li saru fi Triq il-Qatta u Triq il-Qantar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn saru temporarjament u ser jinqalgħu meta jitlesta t-tarmak f' dawn iż-żewġ toroq.

10. Il-Kunsillier staqsa jekk inkitbiet ittra ta' ringrazzjament lill-Ambaxxatur Spanjol għal ħin li dan iddedika lill-Kunsill waqt il-laqgħa li saret fil-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din l-ittra intbagħtet, u ilha.

11. Il-Kunsillier informa li kellu kuntatti ma' rappreżentanti ta' Swieqi Football United dwar il-proposta tagħhom stess ta' pubblikazzjoni ta' rapport dwar l-istorja tal-lokalita. Ir-rappreżentanza infurmat li dan ir-rapport mhux ser isir bħalissa.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar korrispondenza mingħand is-Sur Bilocca għall-Aġenzija Frank Salt Real Estate. Dan talab permess biex iwaħħal riklami dwar l-aġenzija tiegħu f' diversi postijiet fil-lokalita'. Naturalment kif stipulat fil-bye law tal-Kunsill. Il-Kunsill aċċetta pero' l-ewwel għandu jiġi identifikat fejn ser jeħlu dawn ir-riklami. Għaldaqstant il-Kunsill talab sabiex isir kuntatti mar-rappreżentant ta' din l-aġenzija.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-accountant il ġdid tal-Kunsill qed jitlob li l-Kunsill għandu jkollu Internet Banking (read only). Din is-sistema tkun ta' benefiċċju meta jkun qed jagħmel il-quartely reports. Il-Kunsill unanimament qabel.

*Il-Kunsillier Gordon Shephard talab biex jiġi skużat. Ħin: 6.45p.m.*

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VII APPROVAZZJONI TA’ PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li jidhru fuq l-iskeda ġew approvati. Il-Kunsillier Curmi reġa’ irrimarka dwar xi kuntratturi li għadhom qed jibgħatu il-kontijiet tagħhom tard.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.15 pm u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 6 ta’ Settembru 2011 fil-5.00p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**